



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Novembru 2023
(OR. en)

11667/23

LIMITE

POLCOM 157
SERVICES 34
FDI 21
COLAC 89

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0259 (NLE)**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta'...

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), u l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadha mhix ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċċjali)..


Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../...¹⁺, il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili ("il-Ftehim") ġie ffirmat fi ...⁺⁺, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim f'data aktar tard. Skont dik id-Deċiżjoni, d-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli li jinsabu fil-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili, mehmūza mal-Ftehim, ġiet approvata f'isem l-Unjoni.
- (2) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tapprova f'isem l-Unjoni ċerti modifiki għall-Ftehim li għandhom jiġu adottati permezz ta' proċedura simplifikata skont l-Artikoli 21.20 u 33.11(6) tal-Ftehim, u minn korp stabbilit mill-Ftehim skont l-Artikolu 25.34 u s-subparagrafu (a) (x) tal-Artikolu 33.1(6) tiegħu.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... ta' ...dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili (ĠU L, ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-deċiżjoni fid-dokument tal-Kunsill ST 11666/23 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU fin-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim.

- (4) F'konformità mal-Artikolu 33.14 tiegħu, il-Ftehim ma jagħtix drittijiet jew ma jimponix obbligi fuq persuni fl-Unjoni minbarra d-drittijiet u l-obbligi maħluqa mill-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku,,


ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili¹⁺ huwa b'dan approvati f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 21.20 tal-Ftehim, kwalunkwe modifika jew ir-rettifika tal-Annessi 21-A u 21-B tal-Ftehim għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni, wara li tikkonsulta l-Kumitat tal-Politika Kummerċjali.

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-Artikolu 25.34 u s-subparagrafu (a) (x) tal-Artikolu 33.1(6) tal-Ftehim, kwalunkwe emenda tal-Anness 25-C tal-Ftehim għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni wara li tikkonsulta l-Kumitat tal-Politika Kummerċjali.

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil- ...[daħħal ir-referenza tal-ĠU].
⁺ Delegazzjonijiet/ĠU: araw id-dokument ST 11668/23.

Artikolu 4

Għall-finijiet tal-Artikolu 33.11(6) tal-Ftehim, dawn li ġejjin għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni, wara konsultazzjoni mal-Komitat tal-Politika Kummerċjali:

- (a) kwalunkwe emenda tal-appendiċijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbid fl-Anness V tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra¹, iffirmit fit-18 ta' Novembru 2002 (il-“Ftehim ta' Assoċjazzjoni”), kif inkorporat fil-Ftehim;
- (b) kwalunkwe emenda tal-appendiċijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fix-Xorb Spirituż u x-Xorb Aromatizzat fl-Anness VI tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, kif inkorporati fil-Ftehim,.

Artikolu 5

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 33.9(1) tal-Ftehim, biex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.²

¹ ĠU L 352, 30.12.2002. p. 3.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...

Għall-Kunsill

Il-President
